

Brussell, 18 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13406/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0270 (NLE)**

**UD 255
TR 2
MED 46**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 477 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali bejn l-UE u t-Turkija, fir-rigward tal- adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 477 final.

Mehmuż: COM(2026) 477 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.9.2026
COM(2026) 477 final

2026/0270 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali bejn l-UE u t-Turkija, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali bejn l-UE u t-Turkija b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija u d-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali

Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, iffirmit f'Ankara fit-12 ta' Settembru 1963 ("il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni")¹, għandu l-għan li jippromwovi t-tisħiħ kontinwu u bbilanċjat tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn il-Partijiet billi jistabbilixxi progressivament unjoni doganali. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1964.

Id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 ("id-Deċiżjoni Nru 1/95")² tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali stabbilita fl-Artikoli 2 u 5 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

2.2. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali

Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali ġie stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 2/69 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tal-15 ta' Diċembru 1969³. L-Artikolu 2 ta' dik id-Deċiżjoni jistipula li l-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali huwa responsabbli biex jiżgura l-kooperazzjoni amministrattiva bejn il-Partijiet bl-għan li jiżgura l-applikazzjoni korretta u uniformi tad-dispożizzjonijiet doganali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u biex iwettaq kwalunkwe kompit u ieħor fil-qasam doganali li l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista' jafdal.

2.3. L-att previst tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali

Fil-laqgħa li jmiss tiegħu jew bi skambju ta' ittri, il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandu jadotta Deċiżjoni dwar ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1/95 ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jaġġorna d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 1/2006 tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali KE-Turkija tas-26 ta' Settembru 2006, li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1/95 ("id-Deċiżjoni Nru 1/2006", magħrufa wkoll bħala "l-leġiżlazzjoni tranżitorja")⁴, biex iġibhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-leġiżlazzjoni doganali tal-UE u tat-Turkija.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-proposta meħmuża għandha l-għan li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-att previst.

¹ ĠU L 361, 31.12.1977, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/1964/732/oj.

² ĠU L 35, 13.2.1996, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/1995/1\(5\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/1995/1(5)/oj).

³ Deċiżjoni mhux pubblikata.

⁴ ĠU L 265, 26.9.2006, p. 18, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2006/646/oj>.

L-oġġettiv ta' din id-Deċiżjoni huwa li tallinja l-leġiżlazzjoni tranżitorja mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji (il-Konvenzjoni PEM), b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2026. Id-deċiżjoni l-għdida se:

- tqis it-tkabbir tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-approvazzjoni ta' dokumenti f'lingwi tal-Unjoni għodda u tal-iżviluppi reċenti fil-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku u tal-formoli ta' informazzjoni INF 2 u INF 4;
- tinkorpora d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni PEM, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni konġunta tal-Unjoni Doganali bejn l-UE u t-Turkija u tal-arranġamenti kummerċjali preferenzjali bejn l-Unjoni jew it-Turkija u l-Partijiet Kontraenti l-oħra għall-Konvenzjoni PEM, fir-rigward tar-regola tat-trasport dirett/ir-regola tan-nonalterazzjoni, tal-akkumulazzjoni sħiħa, u tal-applikazzjoni tar-restituzzjoni tad-dazji għall-merkanzija esportata barra mill-Unjoni Doganali.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tar-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1/95, jixraq li d-Deċiżjoni Nru 1/2006 tiġi sostitwita b'deċiżjoni għdida.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE"⁵.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali huwa korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija.

L-att li l-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b'effetti legali.

L-att previst għandu effetti legali peress li se jsir applikabbli fil-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u mal-Artikolu 28, il-paragrafi 1 u 3, tad-Deċiżjoni Nru 1/95.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

⁵ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-baży legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tagħhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni u mal-implimentazzjoni tal-Unjoni Doganali bejn l-UE u t-Turkija. Għalhekk, l-att previst huwa maħsub biex jiffaċilita l-kummerċ bejn il-Partijiet billi jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1/95.

Għaldaqstant, il-baży legali sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-baży legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali se jkun applikabbli miż-żewġ Partijiet, inklużi l-UE u l-Istati Membri tagħha, jixraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali bejn l-UE u t-Turkija, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija ("il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 64/732/KEE tat-23 ta' Diċembru 1963⁶ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1964.
- (2) Id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995⁷ dwar l-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali ("id-Deċiżjoni Nru 1/95") daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 1995.
- (3) Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali ġie stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 2/69 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tal-15 ta' Diċembru 1969⁸, f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.
- (4) L-Artikolu 28, il-paragrafi 1 u 3, tad-Deċiżjoni Nru 1/95 inkariga lill-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali biex jistabbilixxi l-miżuri xierqa biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet doganali li jinsabu fl-istess Deċiżjoni.
- (5) Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali, matul il-laqgħa li jmiss tiegħu jew permezz ta' skambju ta' ittri, irid jadotta deċiżjoni dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1/95.
- (6) Huwa meħtieġ li jiġu allinjati d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 1/2006 mad-Deċiżjoni Nri 1/2023 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji tas-7 ta' Diċembru 2023 dwar l-emendar tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-orijini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji ("il-Konvenzjoni PEM")⁹.
- (7) Id-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-orijini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji tas-7 ta' Diċembru 2023 dwar l-

⁶ ĠU P 217, 29.12.1964, p. 3685.

⁷ ĠU L 35, 13.2.1996, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/1995/1\(5\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/1995/1(5)/oj).

⁸ Deċiżjoni mhux pubblikata.

⁹ ĠU L, 2024/390, 19.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/390/oj>.

emendar tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-orġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

- (8) Dispożizzjonijiet tranżizzjonali żamm u fis-seħħ l-applikazzjoni tar-regoli tal-orġini tal-2012 tal-Konvenzjoni PEM¹⁰, flimkien mar-regoli riveduti tal-Konvenzjoni PEM kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2/2024 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni PEM, bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2025.
- (9) Għalhekk jixraq li tiġi prevista applikazzjoni retroattiva mill-1 ta' Jannar 2026 biex tiġi żgurata l-kontinwità legali, tiġi ppreservata ċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet doganali, u jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fl-applikazzjoni tar-regoli preferenzjali tal-orġini fil-qafas tal-Unjoni Doganali, wara l-iskadenza tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fl-31 ta' Diċembru 2025.
- (10) Huwa meħtieġ li jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 1/2006 biex jinġiebu f'konformità mad-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-leġiżlazzjoni doganali tal-UE u tat-Turkija.
- (11) Hemm bżonn ukoll li jiddaħħal it-test ta' diversi approvazzjonijiet bil-lingwi l-ġodda tal-Unjoni li jirriżultaw mit-tkabbir tal-Unjoni Ewropea.
- (12) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali, peress li d-deċiżjoni se tkun applikabbli fl-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali bejn l-UE u t-Turkija skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

¹⁰ ĠU L 54, 26.2.2013, p. 3–158, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2013/94\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2013/94(1)/oj).